FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 09 TA' MARZU 2016

Il-Pulizija

Spettur Jurgen Vella

vs

Carlos Cauchi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 20893M akkuzat talli nhar is-27 ta' Ottubru 2012 gewwa 118, 'Rosetta', Triq Kent, Fgura:

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra surgent tal-Pulizija (PS 1257) Conrad Ellul, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u kkagunalu ferita ta' natura hafifa hekk kif iccertifikata minn Dr Aldo Fiorini, Med. Reg no 1453, mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;
2. fl-istess hin, lok u cirkostanza, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun ghamel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
3. fl-istess hin, lok u cirkostanza, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg propjeta tal-Gvern ta' Malta, mobbli jew immobbli, u cioe ghamel hsara fuq il-qmis tas-servizz ta' PS 1257 Conrad Ellul, liema valur tal-hsara ma' jeccediex €23.29;
4. fl-istess hin, lok u cirkostanza, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma hallix lill-haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;
5. volontarjament bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew b'ghajjat jew b'mod iehor;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' PS 1257 C.Ellul jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht il-penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata ai termini tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata sommarjament;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Elenkati l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kontra l-imputat, dawn huma: illi fil-lejl in kwistjoni l-imputat mar Paceville flimkien ma huh. Hemmhekk, kif jistqarr hu stess fl-istqarrija li ta lill-Pulizija, xorob 'naqra mhux hazin'. Jiftakar li lura ghad-dar saq huh. Mill-bqija fir-rigward x'gara f'dak il-lejl ma jiftakar xejn. Semma biss, meta mistoqsi jekk gharafx il-pulizija li kienu marru d-dar fejn kien joqoghod mal-genituri tieghu u huh, li gharaf tnejn mill-pulizija, certi Maverick u Konrad.

Intant, jirrisulta li l-pulizija kellhom jirrikorru fir-residenza de quo fuq rapport li kien qam argument shun bejn iz-zewg ahwa. L-akkuzi , fil-fatt, huma propju fuq l-agit tal-imputat fil-konfront l-membri tal-korp tal-Pulizija, senjatament fil-konfront ta' PS 1257 Conrad Ellul, li minhabba l-hebb minnu soffert mill-imputat, spicca sofra griehi hfief u hsara fil-qmis tal-uniformi tieghu ta' pulizija. Ix-xhieda ta' dan il-Pulizija, flimkien ma xhieda ohra, ma thalli ebda dubbju  dwar ir-reita' tal-imputat ghall-akkuzi riportati kontra tieghu.

Jonqos issa li jigi stabbilit jekk l-imputat kellux il-*mens rea* rikjesta skond il-ligi, fi kliem iehor, jekk kienx hemm *l-intendere u l-volere* fl-imputat fil-kommissjoni tar-reati lilu addebitati. Dan qieghed jinghad stante x-xhieda tat-Tabib Mario Grixti (folio 38) li spjega li l-imputat ghandu kundizzjoni li giet spjegata b'dan il-mod: "hija kundizzjoni ta' medical emergency, igifieri pazjent fi ftit sekondi, minghajr ebda sinjali ta' avviz, jigi dizorjentat, konfuz, jista' jkun aggressiv u jkollu stat mentali li jista' jimmanifesta ruhu f'agrressivita" – naxxenti minn kondizzjoni diabetika pronunzjata u prokurat  dan l-istat ta' sbandament kif spjegat mit-tabib anke mill-alcohol.

Mix-xhieda tat-tabib ukoll jemergi kjarament li l-imputat kien jaf bl-effetti delitterji li l-psike tieghu kagun ta' ingerenza ta' alcohol f'kwantitakiet sostanzjali. Dan qieghed jinghad stante li l-imputat kien pazjent tat-tabib ghal tal-anqas tlett snin.

Inghad dan issib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 95, 96(a), 221(1), 325(1)(d), 338(m)(ee), 17(b)(d)(h) tal-Kap 9. Tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggieh taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghal tlett snin mill-lum, bil-kundizzjoni specifika li jkompli t-trattament li qieghed jiehu fil-prezent jew f'xi data futura.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza

A.M. Trigona

Magistrat